MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 1941/2004

**Atlas Insurance Limited kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Fabio Confolonieri u l-istess Fabio Confolonieri f'ismu proprju**

**Vs**

**John Scerri**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Ottubru 2004 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm816 (tmien mija u sittax-il Lira Maltin) dovuti ghal incident awtomobilistiku li sehh gewwa Naxxar nhar il-11 ta' Gunju 2004.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Is-somma komplessiva ta' Lm816 (tmien mija u sittax-il lira Maltin), jew somma verjuri, danni mhallsa mis-socjeta`

attrici fuq vettura IBG 662 assikurata comprehensive hlief ghall-mitt Lira Maltin (Lm100) excess u ghal liema somma s-socjeta` attrici tinsab surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Fabio Confolonieri u dan b'rizultat ta' habta li grat fil-11 ta' Gunju 2004 gon-Naxxar meta waqt li int kont qewd issuq il-vettura DBG 745 hbatt mal-vettura IBG 662 ta' Fabio Confolonieri u misjuqa minnu ghal liema incident int kont unikament responsabbli.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali tal-25 ta' Awissu 2004, u bl-imghax tat-8% fuq Lm816 mid-data tal-prezentata tal-Avviz, sal-hlas effettiv, u bl-ispejjes tal-ittra ufficjali tal-lum, rikjesta mill-ligi, kontra GasanMamo Insurance Agency Limited, assiguraturi tal-konvenut, u Lm15 konsult, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu rispenti bl-ispejjes, stante li l-incident tat-traffiku meritu ta' din il-kawza ma' garax tort u htija tal-esponenti izda gara unikament tort u htija ta' Fabio Confolonieri, is-sewwieq, tal-vettura numru IBG 662, li imhabba traskuragni u negligenza mar fuq in-naha hazina tat-triq u habat mall-vettura tal-esponenti.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi si tratta ta' kollizjoni li grat fi triq li tista tigi kkunsidrata bhala 'country road':- triq li tghaddi minn ambjenti mhux abitati aktarx mhux asfallata, tintuza rarament u li tkun isserrep bi dhul u hrug kemm kemm jidhru. Sabiex tigi akkollata responsabbilita kollha lil parti wahda nvoluta fl-incident, mentri tigi liberata l-parti l-ohra, hija ferm difficli. Dana sakemm ma jirrizultawx provi cari u skjetti li tipproduci parti minnhom.

Fil-kaz in ezami, jirrizultaw zewg versjonijiet ovvjament opposti ghal xulxin li jaghtu r-responsabbilita fuq l-parti l-

ohra. Huma gustifikati li z-zewg partijiet igibu ruhhom b’dan il-mod u jippretendu hekk pero` sta ghat-Tribunal li jiddeciedi – jrid jiddeciedi fuq dak li jigi sottomess lilhu, skond il-ligi u fin-nuqqas skond l-ekwita.

L-oneru tal-prova jingombi fuq l-attur. Ma gewx prodotti provi sufficjenti li jitfghu l-piz totalment fuq il-konvenut. Anzi minn dak sottomess mill-konvenut, jirrizulta li l-istess assigurat tal-attur ma kienx totalment estraneu ghall-incident.

Illi hija sintomatika li l-prassi addottata fil-gurisprudenza nostrali tad-debita responsabbilita ta’ 50:50 f’kazijiet simili. It-Tribunal ma jarax ghaliex ma ghandhux ma japplikax dan il-principju fil-kaz in ezami.

Illi l-quantum tad-danni ma giex kontestat u qed tigi akkordat limitatament nofs is-somma mitluba ta’ tmien mija u sittax il-lira Maltin (Lm816) allura erbga` mija u tmien Liri Maltin (Lm408).

Jiddeciedi billi jiddikjara lill-attur u l-konvenut ugwalment responsabbli ghall-incident ‘de quo’ u jikkundanna lil konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ erba` mija u tmien Liri Maltin (Lm408) bl-interessi mid-data tas-sentenza u bl-ispejjes bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------